MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 2137/2003

**Untours Insurance Agents Ltd (C3655) ghal Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Catherine Muscat u l-istess Catherine Muscat (ID 580041M)**

**vs**

**Roberto Bonnici**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta Ottubru 2003 fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta tliet mija u tmienja u disghin lira tnejn u hames centezmi (Lm398.05) rapprezentanti danni sofferti f'incident stradali li sehh gewwa l-Gudja fit-3 ta Frar 2003 bejn il-vettura numru DAB 392 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru CCM 279 proprjeta tal-attrici.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali prezentata konntestwalment ma dana l-att a tenur tal-Kap 104 tal-

Ligijiet ta Malta u bl-imghax legali dekorribbli minn notifika tal-istess avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 12 ta Dicembru 2003 fejn ikkontesta r-responsabbilita tal-incident in kwistjoni b'riserva ghal prezentata ta eccezzjonijiet ulterjuri;

Ra u ezamina l-provi migjuba u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra:

Illi l-habta bejn iz-zewg vetturi f'dan l-incident sehh meta it-tnejn kienu qed iduru r-roundabout tal-Gudja, il-konvenut fuq in-naha ta gewwa bl-intenzjoni li jigbed lejn Hal Far u s-sewwieqa tal-vettura tal-attrici fuq in-naha ta barra bl-intenzjoni li tippunta lejn Kirkop. Fir-rapport tal-pulizija a fol 25 tal-process is-sewwieqa gew rappurtati a tempo vergine li qalu s-segwenti cioe l-konvenut ighid li l-impatt sehh meta l-vettura l-ohra giet quddiemu filwaqt li dik tal-attrici tghid li hasset daqqa fuq in-naha tal-lemin taghha hi u ddur ir-roundabout. Fl-istess rapport hemm rakkont ta xhud okulari li kienet qed issuq wara l-vettura tal-attrici. Dan ix-xhud gie rappurtat li qal li l-impatt sehh meta l-vettura tal-konvenut qorob sew il-vettura tal-attrici.

Audrey Anne Spiteri li kienet qed issuq il-vettura tal-attrici tghid li hekk kif bdiet timmanuvra lejn il-lemin taghha biex taqbad ir-roundabout semghet impatt fuq il-bieba ta wara tan-naha tas-sewwieq cioe fuq in-naha tal-lemin tal-vettura. Hija taqbel mal-iskizz a fol 23 tal-process filwaqt li tikkonferma li qabel l-impatt f'ebda hin ma ratha lill-vettura tal-konvenut. Tikkonferma wkoll li l-intenzjoni taghha kienet li tigbed dritt lejn Hal Kirkop kif muri fuq l-iskizz.

Katia Pisani xhud okulari f'dan l-incident tghid li hija kienet qed issuq wara l-vettura ta l-attrici u f'mument minnhom lemhet lill-konvenut jaqbizha bi speed eccessiv tant li bezghet li seta jahbat go fiha. Fil-mument meta rat lill-vettura tal-attrici tigbed il-bara lejn Hal Safi rat ukoll lill-vettura tal-konvenut tikser sabiex taqbad id-direzzjoni ta Hal Far u kien proprju fil-mument ta dawn iz-zewg manuvri li sehh l-impatt bejniethom. Tghid ukoll li l-vettura

tal-konvenut kienet qed tinstaq wara dik ta l-attrici u li d-daqqa tahielha fuq in-naha ta wara, precizament fuq il-bieba ta wara s-sewwieq.

Jigi notat illi l-konvenut ghalkemm kellu diversi opportunitajiet sabiex iressaq il-provi u jaghtina l-verzjoni tieghu huwa naqas li jaghmel dan;

Jigi notat ukoll li ma kienx hemm kontestazzjoni fuq il-kwantum tad-danni mitluba apparti l-fatt li dawn xorta wahda jinsabu pruvati permezz tad-dokumenti esebiti.

Gie notat ukoll fejn garbu hsara iz-zewg vetturi liema fatt jikkorobora l-verzjoni moghtija mis-sewwieqa tal-vettura tal-attrici.

Ezamina l-iskizz esebit a fol 23 tal-process;
Gie notat ukoll ghal finijiet ta korrettezza li x-xhieda li tinsab a fol 20 sa a fol 22 tal-process ma ghandha x’taqsam xejn mal-kaz in ezami;

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut Roberto Bonnici kien unikament responsabbli tal-incident stradali in kwistjoni kwindi jichad l-eccezzjonijiet tieghu, jilqa t-talbiet attrici kif dedotti u konsegwentement ghalhekk qieghed jikkundanna lill-istess konvenut Roberto Bonnici ihallas lill-atturi s-somma minnhom mitluba ta tliet mija u tmienja u disghin lira tnejn u hames centezmi (Lm398.05) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta l-odjern avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------